MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 26/2014

**Emanuel Aquilina, Rita Aquilina u Rose Calleja**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali u Carmen Gatt ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Illi f'din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li l-artikolu 12 (7) u (8) tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta) huma lezivi d-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u dana wara li tilfu kawza li fethu ghall-izgumbrament tal-intimata Gatt a bazi tal-applikazzjoni ta' dan l-istess artikolu.  L-imsemmija intimata kienet tokkupa fond b'titolu ta' enfitewsi temporanju li, pero', tippretendi li ghandha dritt tibqa' tokkupah b'titolu ta' kera bis-sahha tal-provedimenti tal-imsemmija ligi nonostante l-iskadenza tal-enfitewsi.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rikors 402/12) bis-sentenza taghha tat-23 ta' Ottubru, 2013, cahdet it-talba tar-rikorrenti wara li rrizultalha li l-intimata Gatt kienet tghix fil-fond ma' missierha u li kwindi kellha dritt tipprevalixxi ruhha mill-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi u tibqa' in okkupazzjoni tal-fond b'titolu ta' kera.

Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza, liema appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Pendenti l-Appell, ir-rikorrenti talbu lil dik il-Qorti taghmel referenza kostituzzjonali biex jigi deciz jekk l-imsemmi Artikolu 12 jilledix id-drittijiet fundamentali taghhom.  Il-Qorti tal-Appell, b'sentenza tal-1 ta' April, 2014, cahdet it-talba li qiestha frivola u vessatorja peress li r-rikorrenti kienu ghadhom fi process li jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli.

Ir-rikorrenti issa fethu dawn il-proceduri fl-4 ta' April, 2014, u qed jitolbu huma l-istess haga li kienu talbu lill-Qorti tal-Appell

taghmel bir-referenza kostituzzjonali li talbuha taghmel. Gie indikat lil din il-Qorti li ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tal-kawza peress li r-rimedji ordinarji ghadhom veljanti.

Trattat il-punt, din il-Qorti tara li, fil-fatt, is-sitwazzjoni illum ghadha simili ta’ kif kienet quddiem il-Qorti tal-Appell meta tat is-sentenza taghha tal-1 ta’ April 2014, u din il-Qorti ma ghandha xejn xi zzid hlief li tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet dik il-Qorti fis-sentenza taghha. Ghall-kjarezza, issir referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fil-paragrafi 11 u 12 tas-sentenza, u cioe’:

*“11. Din il-Qorti tmur oltre u tirrileva li bit-tieni aggravju taghhom fir-rikors tal-appell ir-rikorrenti appellanti ghadhom isostnu l-istess posizzjoni li hadu fl-ewwel istanza u cioe’ li l-*

*Artikolu 12 tal-Kap. 158 korrettement interpretat skond kif isostnu huma ma jistax legalment jigi nvokat mill-intimata appellata sabiex tirrespingi t-talbiet taghhom u fuq din il-bazi qeghdin isostnu li s-sentenza appellata ghandha tigi revokata.*

*12. Minn dan kollu jirrizulta li r-rikorrenti, ghalhekk, permezz tal-appell taghhom ghadhom fil-kors li jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom u tenut kont tal-aggravji migjuba ‘l quddiem fl-istess appell din il-Qorti ghad tista’ taghtihom ragun fil-mertu tal-pretensjonijiet kollha li minnhom jilmentaw b’mod li jekk takkolji din il-Qorti takkolji t-tieni aggravju taghhom ma jkun hemm ebda htiega ta’ xejn li din il-Qorti tinvesti l-kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali li taghha r-rikorrenti qeghdin jitolbu riferenza. Dan hu proprju dak mistenni mill-Kostituzzjoni u mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja li jirrikjedu li qabel persuna tadixxi lill-qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali ghandha qabel*

*xejn tkun ezawriet ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha u dan ir-rikorrenti ghadhom ma ghamluhx (ara wkoll id-decizjoni ta' din il-Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawza fl-ismijiet Kummissarju tal-Art v. Alfred Scerri et).”*

Fid-dawl tal-premess, hu car li dan ir-rikors hu intempestiv, ghax avolja r-rikorrenti qed jippretendu li l-artikolu tal-ligi in kwistjoni huwa anti-kostituzzjonali, ghad xorta jistghu jiehdu ragun fl-appell minnhom propost kif osservat il-Qorti tal-Appell, b'mod li jista' jkun ma jibqalhomx interess guridiku jippromwovu l-lanjanzi taghhom.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ai termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) tiddeklina milli tezercita is-setghat invokati taghha, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jithallsu mir-rikorrenti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------